**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru 110/2018 NL**

**Carmelo Falzon (KI 375137M)**

**Vs**

**Abela Enterprises Limited (C-879)**

Illum, 22 ta' Frar 2023

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz[1] ta' Carmelo Falzon tad-9 ta' Mejju 2018, fejn permezz tieghu talab lil din il-Qorti tiddecieda ghalfejn is-socjeta` intimata ma ghandhiex tigi

[1] Fol. 1

kkundannata li thallsu s-somma ta' tnax-il elf Euro u erba u tletin centezmu (€12,000.34) rapprezentanti arretrati ta' cens dovuti ghal artijiet li taghhom l-istess rikorrent akkwista s-subdirett dominju perpetwu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza nhar it-22 ta' Ottubru 2007. Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali 492/2018 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' kull skadenza tac-cens ossia, l-1 ta' Dicembru, kontra s-socjeta` intimata, li d-diretturi taghha gew ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta[2] tas-socjeta` intimata pprezentata fil-21 ta' Gunju 2018, fejn permezz taghha, wara li ddikjarat li mhux qed tikkontesta t-talba tar-rikorrent sas-somma ta' sebat elef, tmien mija u sbatax-il Euro u hmistax-il centezmu (€7,817.15), sahqet li l-kumplament tas-somma reklamata mir-rikorrent, u cioe` dik ta' erbat elef, mija u tlieta u tmenin Euro u dsatax-il centezmu (€4,183.19) mhijiex dovuta u ghandha tigi michuda u dan ghaliex:

a) Illi s-subcens gustament dovut minghand is-socjeta` intimate huwa pagabbli lill-attur bir-rata annwali ta' seba mija u ghaxar Euro u hamsa u sittin centezmu (€710.65) gia tlett mija u hames Liri Maltin (Lm 305.00);

b) Illi s-sub-cens su-riferit kien ilu snin shah jithallas lill-antenati tal-imsemmi attur skont ir-rata annwali fuq indikata, u dan kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

c) Illi s-socjeta` esponenti kienet f'diversi okkazjonijiet offriet li thallas is-sib-cens de quo lill-attur bir-rata fuq indikata – u dan anke` permezz ta' korrispondenza legali fir-rigward – madankollu l-attur baqa' qatt ma accetta l-istess offerti.

[2] Fol.14

Rat illi permezz ta' rispost ulterjuri[3] pprezentata fl-1 ta' Novembru 2018, is-socjeta` intimata eccepiet ukoll li din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* sabiex tisma u tiddermina l-vertenza ghax skont hi, il-kompetenza sabiex tistabilixxi r-rata ta' cens tvesti esklussivament fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Rat illi permezz ta' sentenza parzjali[4] moghtija nhar is-16 ta' Settembru 2019, din il-Qorti kif diversament ippreseduta cahdet l-eccezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae*, bl-ispejjez ta' dak l-episodju jkunu a karigu tas-socjeta` intimata.

Rat illi r-rikorrent ghalaq il-provi tieghu fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021[5] filwaqt li s-socjeta` intimata ghalqed il-provi taghha fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022[6]

Rat l-atti tal-Talba numru 1007/2009 DMA fl-ismijiet *Carmelo Falzon vs Paul Abela u d'digriet ta' nhar it-30 ta' Settembru 2010 giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta` Abela Enterprises Limited* deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar nhar it-28 ta' Frar 2013. L-allegazzjoni tal-atti ta' din it-Talba giet ordnata mill-Qorti diversament ippreseduta permezz ta' digriet tat-12 ta' Frar 2019[7].

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta permezz ta' digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D[8].

---

[3] Fol. 18
[4] Fol. 130-135
[5] Fol. 152
[6] Fol. 172
[7] Fol. 31
[8] Fol.138

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 xehed **John Aquilina**[9], l-awtur fit-titolu tar-rikorrent Carmelo Falzon. Spjega li huwa kienet wiret l-art in kwistjoni minghad zijuh George Briffa. Stqarr li George Abela kien ihallsu c-cens bir-rata ta' Lm 464.00, imbaghad dan Abela kien qallu li "wiehed kien feda" u beda jhallsu Lm 305.00 fis-sena minflok. Fi kliemu, meta naqqas ir-rata tal-pagament, Abela kien qed "ifottih" [sic.] ghax skont hu kien qed jaghtih madwar Lm 165.00 fis-sena anqas. Madankollu ammetta li dejjem accetta l-pagamenti li kien jinghata minn Abela ghal successjoni twila ta' snin. Spjega li lir-rikorrent Carmelo Falzon jafu ukoll minhabba li kien ukoll ihallsu c-cens fl-ammont ta' madwar Lm 464. Eventwalment kien ghamel kuntratt mieghu fejn bieghlu zewg terzi mill-interess tieghu. Ix-xhud imbaghad ma kien ghad ghandu l-ebda interess fl-art u c-cens beda jigbru Carmelo Falzon. In kontro-ezami spjega li kien hemm okkazjoni fejn kien gabar Lm 500 mill-Qorti.

[9] Fol. 31 et. seq.

**George Abela**, direttur tas-socjeta` intimata xehed permezz ta' affidavit[10] fejn wara li qal li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta` intimata, spjega li din is-socjeta` kienet giet ikkancellata mir-Registru tal-Kumpanija fis-sena 2008 izda imbaghad, b'ordni tal-Qorti kompetenti, regghet giet riattivata fis-sena 2013. Spjega ukoll li hu jiehu hsieb l-amministrazzjoni tac-cnus ghan-nom tal-kumpanija u minn ricerka li ghamel, irnexxielu jsib *cheque book* li juri hlasijiet li saru lura sas-sema 1993, dan apparti c-cekkijiet datati bejn is-snin 2000 u 2007 li kienu gew ezebiti minn kuginuh Paul Abela fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Skond hu, dawn ic-cekkijiet huma konferma li mal-medda taz-zmien, l-ammont li kien qed jithallas bhala sub-cens mis-socjeta` intimata kien qieghed jonqos minn zmien ghal zmien tant illi fis-sena 1993 kienet qed tithallas is-somma ta' Lm 338.90 filwaqt li fis-sena 1995 kienet qed tithallas is-somma ta' Lm 305.00, u dawn il-hlasijiet dejjem gew accettati fis-sens illi c-cekkijiet dejjem gew imsarrfa minn Giorgia u John Aquilina. Mal-affidavit, Abela annetta lista tal-persuni li minghandhom jingabar ic-cens kif ukoll sensiela ta' cedoli ta' depozitu u kontestwali fidi li jikkoncernaw l-artijiet in meritu. Skont hu, qatt ma kien hemm kwistjonijiet fuq is-sub-cens ghajr ghal minn meta dahal fix-xena ir-rikorrent Carmelo Falzon.

In kontro-ezami[11], ikkonferma li lura fiz-zmien, is-sid originali tal-art George Briffa kien ikkoncediha taht titolu ta' cens lil Carmelo Falzon, Abela Enterprises Limited u Saliba Investments Limited. Bl-istess mod ikkonferma kif wara li akkwistaw l-art, din inqasmet f'porzjonijiet izghar u bdiet tigi koncessa lil terzi b'sub-cens u b'hekk giet zviluppata f'residenzi u garaxxijiet. Qabel li kien hemm ftehim informali li Falzon jigbor ta' whud, Saliba Investment Limited ta' whud u Abela Enterprises Limited ta' whud minkejja li qatt ma saret divizjoni

[10] Fol. 35-37
[11] Fol. 153-163 u Fol. 173-175

formali. Ikkonferma li wara li miet George Briffa, ic-cens kien jithallas l-ewwel lil Giorgia Aquilina u imbaghad lil binha John Aquilina. Sostna li lil John Aquilina kienu jhallsuh cens fir-rata ta' Lm 305 u allura meta minfloku dahal ir-rikorrent, huwa naturali li insistew li tibqa' tithallas l-istess rata, sewwasew bhal ma kien jithallas Aquilina, li minn naha tieghu dejjem sarraf ic-cekkijiet. Sostna li jekk kien sar fidi kontra r-rikorrent bhala sub-direttarju, ma kien hemm xejn xi jwaqqfu li jmur u jizbanka r-rata spettanti lilu mir-Registru tal-Qorti. Ikkonferma li Abela Enterproses Limited qatt ma ttentat tifdi c-cens kontra r-rikorrent. In ri-ezami cahad li John Aquilina jew ommu qatt kienu opponew mieghu ghar-rata ricevuta minnhom.

**Paul Abela**, id-direttur l-iehor tas-socjeta` intimata xehed waqt is-seduta tad-29 ta' April 2019[12]. Spjega li lura fiz-zmien, kienet saret laqgha f'Haz-Zabbar bejn ir-rikorrent Carmelo Falzon, hu u rapprezentanti tas-socjeta` Saliba Investments ghax originarjament ic-cens kien bejn tlett partijiet. L-iskop tal-laqgha kien sabiex jinxtara c-cens minghand id-direttarju originali ghal cirka Lm 10,000. Minn naha tieghu, Abela kien informa lill-ohrajn prezenti lil kien hemm diversi persuni li kienu fdew kontra Abela Enterprises Limited. Minn dakinhar ma kien sema xejn aktar ghajr li Falzon kien qabad u xtara c-cens kollhu minghand l-original. Din il-laqgha kienet zgur sehhet qabel it-22 ta' Ottubru 2007, li hija d-data tal-kuntratti li permezz taghhom ir-rikorrent xtara minghand John Aquilina. Spjega li "legalment" ic-cens qatt ma kien gie diviz bejn ir-rikorrent, is-socjeta` intimata Investments Limited (u qabel Saliba Investments Limited li imbaghad is-sehem taghha inxtara mir-rikorrent Carmelo Falzon). Minkejja dan, fiz-zmien kien sar ftehim "fuq bicca karta bejnietna" li permezz tieghu, ic-cnus gew "maqsuma" u cioe` gie miftiehem minn kellu jigbor ic-cens ghall-liema parti tal-artijiet, li matual il-medda tas-

[12] Fol. 121-124

snin gew zviluppati estensivament f'residenzi u garaxxijiet. Minkejja dan il-ftehim, fi kliem ix-xhud, xorta tirrenja l-konfuzjoni minhabba li "kulhadd qed jghid li din il-bicca tieghi u din bicca tieghi". Spjega li l-prezz biex jinxtara c-cens originali kien "*bargain*" ghax waqa' ghal madwar Lm 10,000 minhabba li kien hemm persuni li fdew. Skont hu, kien ghalhekk li r-rikorrent hataf l-opportunita` u minn wara dahar l-ohrajn qabad u xtara c-cens kollu wahdu.

Ir-rikorrent ipprezenta bhala prova affidavit ta' bintu **Maria Falzon**[13] fejn fih spegat li sfortunatament, missierha jinsab mahkum mill-marda tad-dimenzja u ghalhekk, mhuwiex f'qaghda li jixhed jew jiftakar affarijiet f'dettall. Dwar il-mertu tal-vertenza, Falzon spjegat li hija kienet tghin lill-missierha fil-gbir tac-cnus. Dwar il-laqgha li sehhet f'Haz-Zabbar tghid li filwaqt li ma tiftakarx x'kien il-prezz li ssuggerew Paul Abela u Julie Scicluna f'isem Saliba Investments Limited, tiftakar li missierha kien sostna li kien seta' jgib prezz ahjar, u cioe` prezz orhos. Meta waslu ghall-kuntratt ma John Aquilina, kienet irceviet telefonata minghand Paul Abela fejn dan qal li ma kienx ser jersaq ghall-kuntratt ghax ma riedx ihallas daqs l-ohrajn. Minhabba li kien ta l-kelma lil John Aquilina, missierha iddecieda li jixtri s-sehem li kienet ser tixtri Abela Enterprises huwa stess kif fil-fatt jindika l-kuntratt tal-akkwist datat 22 ta' Ottubru 2007[14]. B'hekk missierha sar sid ta' zewg terzi filwaqt li Saliba Investments Limited xtrat terz. Hija kienet cemplet lil Paul Abela u qaltlu li issa kellu jibda jhallas lil missierha flok lil John Aquilina u Abela irribatta li kien diga` hallas ic-cens ghal dik is-sena lil Aquilina. F'Novembru 2009, Abela kien ghadda cekk fl-ammont ta' €710.46 [sic.] li meta missierha mar biex isarrfu, ma ghaddiex. Kien wara dan l-episodju li missierha kien ipproceda b'Talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

---

[1313] Fol. 144-145

[14] Fol. 146-149

In kontro-ezami[15], irribattiet li skont li is-socjeta` intimata xortawahda kienet tenuta li thallas l-ekwivalenti ta' Lm 468.00 minhabba li l-ftehim kien li t-tlett partijiet ihallsu dak l-ammont u "kull min feda kulhadd zamm tieghu u kulhadd baqa' jhallas lill-Biedi [prezumibbilment John Aquilina] l-Lm 468.00". Madankollu irrikonoxxiet li Paul Abela kien isostni li kien hemm min feda u kellu dokumenti li jindikaw li kienu gew depozitati madwar Lm 500.00. Sostniet li "kellhom karta bejniethom ta' Lm 468.00" u li "lill-Biedi dejjem iridu jaghtuh Lm 468, issa jaghmlu cedoli u ma jaghmlux cedoli kienu jzommuhom l-individwi".

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza fejn ir-rikorrent Carmelo Falzon, wara li xtara s-sub-cens minghand John Aquilina kellu d-dritt li jezigi l-hlas ta' sehem ta' terz tas-sub-cens minghand is-socjeta Abela Enterprises Ltd, madankollu tezisti kontroversja bejn il-partijiet dwar ir-rata li biha illum ghandu jithallas dan is-sub-cens lir-rikorrent mis-socjeta` intimata, li minn naha taghha issostni li fil-prezent, il-pagament ta' sub-cens dovut minnha annwalment huwa fis-somma ta' €710.65 (ekwivalenti ghal Lm 305.00)[16], dan it-tnaqqis ikun dovut ghall-fatt li kien hemm sub-utilisti li kienu fdew ukoll il-parti taghom mis-sub-cens originali kontra r-rikorrent jew l-awturi tieghu fit-titolu.

Illi mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta` intimata, huwa car li l-bidla fir-rata tas-sub-cens pagabbli sehhet bejn is-snin 1994 u 1995, ghax fis-sena 2014 kienet

[15] Fol. 165-168
[16] Ara affidavit ta' George Abela a Fol. 37

thallset is-somma ta' Lm 338.90[17] filwaqt li imbaghad, fis-sena 1995 thallset is-somma ta' Lm 305.00[18] u baqghet certament tithallas dik ir-rata sas-sena 2008[19]. Minn dawn id-dokumenti jidher li r-rata ta' Lm 305.00 kienet qed tithallas u tigi accettata  ghal cirka tnax-il sena qabel ma xtara r-rikorrent.

Illi mal-ewwel daqqa t'ghajn, johrog bhala kemmxejn  stramb kif minkejja l-argument tas-socjeta` intimata li l-ammont li huwa pagabbli minnha lir-rikorrent naqas minhabba li kien hemm persuni li fdew, nonostante li mis-sena 1994 'il quddiem, minn sensiela ta' cedoli ta' depozitu u kontestwali fidi ta' censipprezentati mis-socjeta` intimata stess[20] huwa evidenti li kien hemm bosta persuni li fdew il-piz gravanti l-porzjonijiet rispettivi taghhom,  is-socjeta` intimata tinsisti sal-lum li r-rata pagabbli minnha ghadha ta' €710.65 (ekwivalenti ghal Lm 305.00) kif kienet fis-sena 1995. Imma meta wiehed jifli c-cedoli sewwa, jinduna li hafna persuni fdew biss kontra Abela Enterprises Limited u/jew rapprezentanti taghha u allura l-obbligu tas-socjeta` intimata li thallas ic-cens lid-sub-direttarju originali baqa' fil-parti l-kbira mhux mittiefes, u jekk kien hemm xi riduzzjoni fl-ammont pagabbli, din kienet *de minimis*. Ghalhekk, it-tezi tas-socjeta` intimata hija verosimili u attendibbli.

Illi bl-istess mod hija verosimili u attendibbli t-tezi tas-socjeta` intimata li r-riduzzjoni fir-rata tac-sub-cens pagabbli minnha kienet giet ridotta minhabba fidi fiz-zmien li s-subdirettarju taghha kien ghadu John Aquilina, u dan minhabba korroborazzjoni mill-istess Aquilina meta fix-xhieda tieghu jikkoncedi li kien hemm okkazjoni fejn kien gabar Lm 500.00 mill-Qorti – referenza ovvja ghal zbank ta' cedola minghajr l-uzu ta' parlanza legali.

---

[17] Fol. 39
[18] Fol. 40
[19] Fol. 41-51
[20] Fol. 59-115

Illi di principju, bhala l-proponent tal-azzjoni odjerna, kien jispetta lill-attur li jgib prova li tissostanzja l-ammont pretiz minnu. Minn naha taghha, s-socjeta` intimata ressqet spjegazzjoni li fic-cirkostanzi hija verosimili ghalfejn matul is-snin, l-ammont ta' cens pagabbli naqas. Gie ppruvat ukoll li dan l-ammont ridott dejjem gie accettat mill-awturi fit-titolu tar-rikorrent, kif ammess minn John Aquilina fix-xhieda tieghu bil-gurament. Din il-Qorti ma tistax lanqas tinjora ir-rizolta kontinwa tas-socjeta` intiamta tul medda ta' hafna snin li thallas dak li skont il-konteggi taghha huwa dovut minnha lir-rikorrent[21] sa ma fl-ahhar iddepozitat l-ammont dovut taht l-awtorita` tal-Qorti[22].

Illi mill-banda l-ohra, l-unika prova ta' sustanza li ressaq l-attur huwa affidavit ta' bintu Maria Falzon li dwar ir-rata tas-sub-cens pagabbli issostni biss li gialadarba l-partijiet originali kellhom "karta bejniethom ta' Lm 468.00 […] lill-Biedi [u illum ir-rikorrent bhala successur tieghu fit-titolu] dejjem iridu jaghtuh Lm 468, issa jaghmlu cedoli u ma jaghmlux cedoli kienu jzommuhom l-individwi". Ovvjament, minghajr wisq sforz ta' gherf, dan ir-ragunament ma ghandu xejn mis-sewwa. Fl-ewwel lok, it-tezi tar-rikorrent tfalli ghax ladarba hawn si tratta ta' drittijiet reali fuq immobbli senjatament kuntratt ta' enfitewsi, il-"karta bejniethom" ma tiswa xejn f'ghajnejn il-ligi in vista ta' dak li jiddisponu l-Artikolu 499(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` li l-qasma ta' hwejjeġ immobbli ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku, kif ukoll l-Artikolu 1497(a) li jghid li l-enfitewsi hija nulla jekk ma tigix maghmula b'att pubbliku. Fit-tieni lok, huwa ukoll ovvju li l-fidi ta' cens jew sub-cens tramite l-prezentata ta' cedola ta' depozitu u kontestwali fidi hekk kif jipprovdi l-Artikolu 1501 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta igib konsegwenza legali li d-

21 Fol. 116-117
22 Cedola ta' depozitu numru 1259/2018 ezebita a Fol. 119

dritt tad-direttarju jew subdirettarju li jezigi li l-hlas tac-cens jew sub-cens minghand l-utilista jew sub-utilista  jigi estint.

Illi l-Qorti tinnota ukoll li l-kuntratt tal-akkwist tar-rikorrent fil-fatt jaghmel provizjoni ghall-fatt li jista' jkun li xi utilisti jew sub-utilisti jkunu fdew ic-cens u sub-cens pagabbli minnhom. Fil-klawsola 3 tal-imsemmi kuntratt jinghad li:

> *"F'kaz illi jirrizulta li hemm xi varjazzjoni fl-ammont tac-cens u sub-cens li ghandu jiggrava l-imsemmija proprjeta` kemm jekk dan ikun anqas mic-cens u sub-cens percepibbli mid-diversi utilisti u subutilisti ta' l-istess zewg porzjonijiet ta' art l-istess suddirett (jew dirett dominju talvolta c-cens originali infeda jew m'ghadux ezigibbli) ma ghandha ssir l-ebda varjazzjoni fil-korrispettiv miftiehem bejn il-partijiet f'dan l-att".*

Din il-klawsola fil-kuntratt li gie ffirmat mir-rikorrent Carmelo Falzon toffri indikazzjoni qawwija li fil-mument li kien qed jakkwista, huwa kien oltre milli konxju li jaf kien hemm sub-utilisti li fdew ir-rata spettanti lilhom mis-sub-cens. Issa jekk huwa ma ghamilx l-opportuni ricerki sabiex jivverifika bl-ezatt dan li kien haqqu jigbor, *imputet sibi*. Sfortunatament, huwa palezi li r-rikorrent dahal ghal din il-kawza bla ma kien cert minn dak li qed jitlob.

Illi huwa ghar-ragunijiet suesposti li din il-Qorti hija ukoll tal-fehma li l-attur naqas milli jissostanzja t-tezi tieghu sodisfacentement bil-produzzjoni tal-aqwa prova skont ma jezigu l-Artikoli 559 u 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qrati taghna dejjem ghallmu li "il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Bugeja vs Charles Falzon et***, (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru 2013), il-Qorti tghid li "fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

Illi fuq l-iskorta tal-insenjament appena kwotat, fid-dawl tal-provi prodotti (jew ommessi) mill-partijiet u fic-cirkostanzi li jipprezenta l-kaz odjern, din il-Qorti thoss li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu b'mod sodisfacenti u li t-tezi tas-socjeta` intimata hija l-aktar wahda attendibbli fost it-tnejn. Ghalhekk, qed takkolji l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` intimata.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta`**

**intimata, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' sebat elef, tmien mija u sbatax-il Euro u hmistax-il centezmu (€7,817.15).**

**Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent u bl-imghaxijiet fuq l-ammont hekk dikjarat dovut mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**